MINISTERU GĦALL-INTERN
U SIGURTA NAZZJONALI

MALTA

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS
AND NATIONAL SECURITY

**BORD TAL-PULIZIJA**

**POLICE BOARD**

Illum, 29 t'Awwissu 2013

Lill-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali

Qed nipprezentalek ir-rapport preparat mill-Bord tal-Pulizija dwar l-inkjesta kif gejna mitluba mill-Onorevoli Prim Ministru fil-kariga ta' Ministru ghall-Intern u Sigurta' Nazzjonali.

Keith Chetcuti
Segretarju
Bord tal-Pulizija

**BOARD TAL-PULIZIJA**

**Rapport Numru PB / 111 / 2013**

**Inkjesta mitluba Mill-Onor Ministru tas-Sigurta' u Intern dwar l-akkuzi migjuba kontra Darryl Luke Borg u kontra Roderick Grech dwar l-istess reat.**

Dan il-kaz tressaq quddiem il-Board per mezz ta' ittra lilu mibghuta fid- 9 ta' Awissu 2013 mill-Onorevoli Prim Ministru bhala Ministru tas-Sigurta' u Intern, u dan a tenur tal-Artikolu 49(a) tal- Kap numru 164 tal-Ligijiet ta' Malta..

F'din l-ittra l-Onor Prim Ministru jirreferi ghall- "*rapporti gurnalistici li dehru fuq diversi mezzi tal-media in konnessjoni mal-akkuzi migjuba mill-Pulizija kontra Daryl Luke Borg u kontroversjalment kontra Roderick Grech dwar serq mill-fond* The Convenience Shop, *Birkirkara, fejn qed jigi allegat li il-Pulizija resqet liz-zewg persuni indikati meta wiehed minnhom biss seta' kien l-awtur tad-delitt".* L-ittra tkompli: "*Minhabba tali agir qieghed jigi allegat li huwa skorrett fil-konfront ta' persuna u il-liberta' taghha u dan ukoll fil-konfront t'imgieba pregudizzjarja ta' membru jew membri tal-Korp tal-Pulizija qieghed a terminu tas-subinciz (a) tal-Artikolu 49 tal-Kap 164 tal-Ligijiet ta' Malta, ingib 'l quddiem dan l-ilment sabiex minnek jigi investigat skond il-poteri moghtija lilek bil-ligi".*

Il-Board ha konjizzjoni ta' din it-talba u fis-seduta tal- 10 ta' Awissu talab lill-Kumissarju tal-Pulizija jidher u jispjega dak li irrezultalu dwar dan il-kaz li jidher li gibed bil-kbir l-attenzjoni tal-media lokali.

Il-Kumissarju esebixxa kopji tal-files ta' zewg investigazzjonijiet li kienu infethu wahda mill-Pulizija tad-Distrett u l-ohra miftuha mis-sezzjoni tac-

CID; dik tac- CID immexxija mill-Ispettur Joseph Mercieca wasslet biex Darryl Luke Borg jigi imharrek fis- 7 ta' Awissu waqt li dik tad-Distrett immexxija mill-Ispettur Edmund Taliana wasslet biex Roderick Grech jigi imharrek, jammetti u jigi ikkundannat fid- 9 ta' Awissu.

Dwar id-delitt li qed kien qed jigi investigat jirrezulta li il-Hadd fl- 4 ta' Awissu fid- disa u hames minuti ta' filghaxija, fir-records tal-Pulizija gie imdahhal rapport min WPC 134 li jghid :

*"Persuna lehen ta' mara cemplet fuq l- 112 – 28 fejn infurmat li bhala manager tal-Convenience Shop, Triq Alfred Mifsud, B'Kara, fejn din qaltli li ghadhom kif cemplu zewg impjegati u qalulha li ghadu kif sar hold-up fl-istess hanut.*

*Min-naha tieghi jien ikkuntattjajt li Franklin Grech 99220987, fejn dan qalli li mar ragel liebes iswed b'bicca hadra ma' wiccu u kellu pistola f'idejh, u dan qallu ticcaqalqux biex ma twegghux, u serqilhom madwar 700 euro. Dan qalli li l-halliel telaq jigri lejn St Anne's Clinic B'Kara".*

Dan il-messagg zewg minuti wara intbaghat l-Ghassa ta' B'Kara, lir- RIU, lill-Ispettur Arnaud tac- CID u lill-Ispettur gewwa id-Depot. Il-Pulizija marru minnufih fuq il-post u bdew l-investigazzjonijiet; fl-Ghassa ta B'Kara dan il-messagg ittiehed min PS 3 Grima u huwa informa l- Ispettur Taliana b'dan id-delitt.

Skond il- PIRS li l-imsemmi PS 3 Grima dahhal aktar tard dak inhar stesss fit- 23.25, wara li wasal ir-rapport, dan li stess Surgent mar fuq il-post assistit min Surgent u Kuntistabbli mill-Ghassa tan-Naxxar; hemmhekk sabu li kienu gia' waslu l-Ispettur Arnaud tal-Investigazzjonijiet Kriminali flimkien mal-iskwadra tieghu; l-impjegati tal-hanut misruq kienu spjegaw dak li kien gara u taw deskrizzjoni tal-halliel "*bhala wiehed li kien liebes kollox iswed u armat. Sussegwentement gew mitkellma iz-zewg impjegati li kienu qeghdin gewwa l-imsemmi hanut".*

Dawn spjegaw kif meta kienu nizzlu is-shutter tal-hadid biex jaghlqu il-hanut, ix-shutter rega' gie imtella min naha ta' barra u "*dahal guvni li kien deskritt bhala wiehed zghir li ghandu ghall-in circa 25 sena, irqiq, mhux twil, fejn kien liebes T-shirt iswed, shorts (Bermuda) ta' lewn iswed, idejh mikxufin, b'wiccu mghammad bi speci ta' kalzetta hoxna (simili ghal balaklava) ta' lewn hadrani skur li kienet imtaqqba fejn hemm l-ghajnejn u*

*l-halq, fejn dan kien qieghed izomm pistola zghira ta' lewn kulur il-fidda, f'idejh il-lemenija, fejn bil-Malti ciar, qalilhom biex ituh il-flus u hadd ma kien ser iwegga'".* Wara li ha il-flus rega' hareg u nizzel ix-*shutter* izda mhux sal-art, u allura setghu jarawh *"jigri fid-direzzjoni lejn il-parti ta' fuq ta' Triq il-Karmnu".*

Il-PIRS ikompli: *"konsegwentement gie infurmat l-Ispettur tal-Ghassa B'Kara E. Taliana fejn wara li ipproceda personalment fuq il-post, informa lill-Magistrat tal-ghassa Dr D. Clarke LL.D. fejn min naha taghha innominat lill-esperti..... biex jassistu fl-inkjesta Magisterjali".* Jidher li waqt din il-fazi stess intwerew il-filmati min CCTV intern li juru x'gara gol-hanut mil-mument li l-impjegati ghalqu ix-shutter

Meta l-Ispettur Taliana mar fuq il-post kien gia' hemm l-Ispettur Arnaud u l-iskwadra tac-CID; kif intqal, L-Ispettur Taliana avza lill-Magistrat tal-ghassa u din awtorizzat il-ftuh ta' inkjesta u appuntat diversi esperti fosthom lil Dr Martin Bajada biex jezamina ir-ritratti tas- CCTV; gew nominati ukoll erba Surgenti biex jassistu fl-inkjesta.

L-espert Dr Bajada li wasal ftit wara, flimkien mal-Ispettur Taliana semghu liz-zewg impjegati dwar ic-cirkostanzi kollha tal-incident; barra ic- CCTV cameras gol-hanut, irrezulta li kien hemm fl-inhawi ukoll cameras ma' St Anne's Clinic u ma' Da Vinci Hospital, izda dawn ma kienux accessibbli peress li kienu maghluqin.

Jirrezulta li fis- 7 ta' Awissu l-espert Dr Bajada flimkien mal-Ispettur Taliana iltaqghu ghal x'is- 13.00 u marru biex jelevaw u jezaminaw il-footages taz-zewg cameras ta' Da Vinci Hospital u sabu li wahda minnhom ma kienitx rilevanti stante li kienet tkopri biss it-tarag intern. Wara marru St Anne's Clinic u hemm, kif Dr Bajada beda jikkopja ir-ritratti tac- CCTV, l-Ispettur Taliana irceva telefonata minghand is-Supratendent tad-Distrett Antonello Grech, li ghalhekk jidher li kien al korrent tal-investigazzjoni, fejn qallu biex jieqaf min dak li kienu qed jaghmlu, ghaliex tac-CID kienu harrku persuna in konnessjoni mal-hold-up in kwistjoni.

Jirrezulta li it-Tlieta 6 ta' Awissu l-Ispettur Mercieca tac- CID li huwa l-ufficjal inkarigat mit-tmexxija ta' investigazzjonijiet dwar hold-ups u li ghalhekk kien qed imexxi il-kaz, gie infurmat mill-Ispettur Carlos Cordina tal-istess sezzjoni, li dan kien irceva informazzjoni minghand informer attendibbli, li il-halliel kien certu Darryl Luke Borg; saru indagni dwar dan l-

individwu u ghalkemm jidher li kien involut f'xi kazi kriminali, ma kellhomx ritratt tieghu. Ritratt tieghu gie fornit mill-istess informer min ritratt fuq face-book. L-Ispettur Mercieca ezamina ir-rizultanzi li kellu, u iddecieda li kien f'qaghda li jitlob lill-Magistrat inkwirenti biex jawtorizzah jghaddi ghall-arrest ta' Borg; dan kien ghal x'il- 11.30 tas- 6 ta' Awissu.

Marru fir-residenza tieghu u sabu biss lill-ommu li infurmathom li binha Darryl kien MC ghal kura; irrezulta li hija stess kienet haditu Monte Carmeli fil- 5 ta' Awissu – igifieri l-ghada tad-delitt. Skond l-istqarrija tal-Ispettur Mercieca meta giet mistoqsija fejn kien binha fil-hin tas-serqa *"his mother replied back that she was not so sure"*. L-omm dehret ukoll quddiem il-Board u dwar dan il-punt qalet li setghet dahlet tiehu banju u allura kien ghalhekk li ma setghetx tikkonferma li Darryl ma harigx xi ftit dak il-hin; ziedet tghid lil-Board li dan ma kienx probabbli ghax kieku kienet tintebah li binha kien hareg u ghamel xi haga bhal dik.

L-Ufficjali tal-Pulizija allura ghal xi is- 13.00 tas- 6 ta' Awissu marru Monte Carmeli u wara li ottjenew l-awtorizzazjoni tat-tabib kuranti, hadu lil Borg maghhom ghall-interrogazzjoni. Huwa tkellem fuq it-telephone mal-Avukat tieghu, izda dejjem cahad li kellu x'jaqsam mal- hold-up; qal li dak inhar tal-kaz huwa kien dahal id-dar fis-sakra mill- Arja Club ghal xi l- 4.00 ta' wara nofs inhar u baqa' hemm sal-lejl; dak inhar huwa kien issellef 30 euro minghand certu Gejtu, li dwaru naqas li jati ebda dettalji, u qal ukoll li dak inhar stess tas-serqa kellu argument ma' ommu dwar il-flus u id-drogi.

L-ghada tas-serqa, il- 5 ta Awissu ghat- 8.00p.m. l-Ispettur Mercieca interroga u ha l-istqarrija tal-impjegata Sue Ellen Cassar u il-guranata ta' wara is- 6 ta' Awissu fil- 17.45 sema u ha l-istqarrija ta' Darryl Luke Borg u l-ghada 7 ta' Awissu fid- 9.25, qabel il-presentata, rega' interrogah u staqsieh dwar rapport li kien irceva li huwa, Borg, kien qed jiffitta xi nies biex iselfuh xi flus; l-imputat dejjem cahad kull involviment.

L-ispettur Mercieca rega' ezamina ir-ritratti ta' zewg CCTV cameras ohra, u ikkonsidra ir-rotta li ha il-halliel; ra il-precedenti kriminali ta' Borg li oltre kazi relatati mad-droga, kienu jinkludu zewg serqiet. Wahda saret min Supermarket u kienet ta' serq semplici; izda gie innotat li waqt li kienu ghadhom ghaddejjin il-proceduri ghal dan id-delitt, Borg rega' inqabad ukoll jisraq hwejjeg mill-Ghadira. F'dawn iz-zewg kazi huwa tressaq il-Qorti u instab hati; anki min dak li irrezulta fl-inkjesta ta' *The Convenience Shop,* huwa kien jabbuza bid-droga u dwar dan kien gie misjub hati mill-

Qorti; mill-istess stqarrija tieghu Borg qal li dak inhar stess kien issellef xi flus ghad-droga minghand certu Gejtu li pero' naqas li jati aktar dettalji dwaru; qal li dak inhar stess kellu xi jghid ma' ommu minhabba flus u drogi. L-Ispettur Mercieca iddecieda li jitlob li jressaq taht arrest lil Darryl Borg akkuzat bil-hold-up.

Il-Magistrat kienet ser tokkoncedi il-bail, izda spiccat biex bghatitu il-habs wara oggezzjoni tal-istess Spettur li issottometta li peress li kien rikoverat Monte Carmeli ma setghax jigi fdat.

Min din il-presentata u konsegwenti zamma taht arrest il-Board seta' jezamina u jevalwa l-operat tal-Pulizija in kwantu jirrigwarda Darryl Luke Borg. Il-Board kellu okkazjoni jisma' lill-istess Borg u lill-ommu Jane Borg li uriet id-dispjacir kbir taghha ghaliex minhabba il-proceduri li ittiehdu kontra binha huwa sfratta il-programm edukativ wara *Treatment Order* dwar l-uzu tad-droga; kienet qed taghmel dak kollu li tista' biex huwa ikompli u itemm dan il-programm li bhala konsegwenza kien gie interrott; qalet kemm kienet ilha tiehu hsieb lil binha sa min qabel miet zewgha u dan minhabba xi problemi li kellu, u hija esprimiet l-inkwiet taghha li ser ikun difficli li binha jithalla ikompli dan il-programm.

Ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni spjegat ukoll ic-cirkostanzi tal-arrest u tal-presentata fil-Qorti; din ix-xhieda ma kellhiex rilevanza siewja ghall-inkarigu moghti lil dan il-Board. Kienet tirreferi ghal dak li gara wara il-presentata taz-zewg persuni involuti. Il-fatti rilevanti ghal din l-inkjesta gew kollha spjegati mid-dokumenti esebiti u mill-ispjegazzjoni moghtija mill-ufficjali li instemghu; ma kienx hemm diskrepanzi bejn il-versjonijiet moghtija.

Ghalkemm kif inghad, ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni ma kienitx rilevanti ghall-iskop ta' dan ir-rapport, il-Board ihoss li ikun opportun josserva li l-imsemmija Jane Borg, skond ma irripetiet aktar min darba, kienet tassew inkwetata, ghaliex sa dak il-hin, hija ma setghtex tifhem kif u ghaliex il-Pulizija kienu qabdu mat-tifel taghha. Skond ma stqarret lil Board hija ma kellhiex hjiel tat- *tip-off* li il-Pulizija kienet irceviet min ghand *informer* li kien indika lil binha bhala il-hati; meta il-Board uriha id-dokument li jirreferi ghal dan it- *tip-off*, hija hadet ir-ruh u qalet li almenu issa setght tifhem ir-raguni li wasslet ghal proceduri kontra binha.

Il-Board ezamina il-fatti u ic-cirkostanzi kollha min mindu sar il-hold-up f' *The Convenience Shop* sal-inkarcerazzjoni u il-presentata tal-imsemmi Darryl Luke Borg. Jidher li sa dak il-mument kemm il-membri tad-distrett kif ukoll dawk tac-CID wettqu l-indagini normali u ma jidhirx li naqsu milli jfittxu ic-cirkostanzi kollha relatati.

Qed jigi mistoqsi kif bniedem innocenti spicca il-habs. Jigi rilevat li kien hemm u jibqa' ikun hemm individwi li ikunu suspettati intortament, u jitressqu il-Qorti. Wiehed jispera li l-ghaqal tal-gudikant iwassal ghal liberazzjoni tal-imputat; Il-fatt li wiehed jitressaq u jigi akkuzat li ikkommetta delitt, bl-ebda mod ma jfisser kundanna.

Ma huwiex umanament possibbli li il-Pulizija ikollha dejjem ragun, kull meta tressaq lil xi hadd il-Qorti – propju ghalhekk ninsistu fuq il-principju sagrosant li sal-mument tas-sentenza, l-imputat huwa presunt innocenti.

Dan huwa propju il-kaz ta' Darryl Borg; huwa kien il-vittma ta' tip-off falz li kien inghata lill-Ispettur Cordina, u dan ipprecipita serie ta' passi li wasslu sfortunatament ghal presentata u zamma fil-habs tieghu.

Sa dan il-punt, wiehed jifhem li ma kien ikun hemm xejn tant specjali, ghaliex il-kaz ikun gie mghoddi f'idejn il-Qrati – sa kemm ma jirrezultax li il-Pulizija kienet imxiet b'mod ingust. Huwa pacifiku li dan il-Board mhux ser jidhol fil-mod kif il-Pulizija tmexxi l-investigazzjonijiet taghha; mhux f'posizzjoni li jikkontrolla is-serjeta' u l-attendibilita' tal-hekk imsejha *informers* li donnhom huma tant mehtiega ghall-attivita' tal-Korp.

Fil-konsiderazzjoni ta' dan il-kaz, il-Board haseb fuq jekk kienx hemm indizji bizzejjed biex il-Pulizija waslet biex tressaq lil Borg, l-aktar meta ezaminat il-filmati; veru li l-istil tax-xaghar ta' Borg kien jixbah hafna lil dak tal-halliel, imma ghalkemm mhux bil-kulur, ir-ritratti hallew dubbju dwar ix-xebh tal-halliel ma' Borg, u l-aktar dwar il-kulur ta' hwejgu.

Dan il-kaz gibed hafna attenzjoni minhabba il-fatt li Borg kien thalla taht arrest preventiv; probabilment kieku l-ufficjal prosekutur qabel mas-suggeriment tal-Magistrat u l-imputat intbghat lura Monte Carmeli, il-konsegwenzi medjatici kienu ikunu ferm differenti. Kif intqal, sfortunatament ikun hemm diversi individwi li jigu arrestati u mressqa quddiem il-Qorti u imbghad jinstab li kienu innocenti – ma jistax jinghad li f'cirkostanzi bhal dawn il-Pulizija tkun necessarjament imxiet hazin. In

fatti ftit kienu dawk li saru jafu bl-arrest ta' Darryl Borg qabel mal-Pulizija ressqet lil Roderick Grech akkuzat bl-istess reat u li ghalih kien gia' ammetta quddiem l-Ispettur. Jerga' jinghad li mhix fil-kompetenza ta' dan il-Board li jevalwa il-gudizzju tal-ufficjali inkarigati, sakemm ma jkunx hemm suspett ta' nuqqas ta' trasparenza ragonevoli.

Din il-grajja hadet in-nar, propju meta il-Pulizija ressqet persuna ohra akkuzata bl-istess reat; wiehed seta forsi jifhem dan l-agir kieku Grech ikkontesta l-akkuza, imma irrezulta ampjament li huwa kien gia' ammetta l-akkuzi kwazi mill-ewwel – u mhux ammetta meta kien quddiem il-Magistrat, imma kien ammetta qabel l-Ispettur Taliana resqu quddiem il-Magistrat.

Igifieri huwa pacifiku li il-Korp, fil-mument li l-Ispettur Taliana ressaq lil Grech u akkuzah bil- *hold-up,* kien jaf fi zgur li kien hemm persuna li kienet qed tigi akkuzata intortament u li kienet sahansitra ghadha maghluqa il-habs – min flok ma ra kif ghamel biex din il-vittma tigi liberata, ghazel li jhalliha il-habs u fl-istess hin iressaq lil persuna differenti li kienet ammettiet ghall-istess akkuzi.

Hija propju din is-sitwazzjoni morbuza li il-Board intalab jinvestiga mill-Ministru tas-Sigurta' u Intern u jezamina ghaliex grat u kif setghet tigi evitata.

Wara li sema' fit-tul iz-zewg ufficjali tac-CID li kienu responsabbli mill-investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' Darryl Borg, il-Board sema', ukoll fit-tul, lill-Ispettur Elton Taliana li kien ressaq lill-imsemmi Roderick Grech wara l-hekk imsejha tieni investigazzjoni.

L-Ispettur Taliana kien l-Ispettur tad-Distrett ta' B'kara dak inhar tal-hold-up. Huwa ma kienx l-ufficcju fil-hin meta dahal ir-rapport tas-serqa; xi nofs siegha wara gie infurmat dwar is-serqa min PS 3 K.Grima. Mar fuq il-post u sab li kien hemm l-ufficjali mill-Ghassa ta' B'Kara u tan-Naxxar, kif ukoll l-Ispettur Arnaud tac-CID bl-iskwadra tieghu; dawn kienu qed jezaminaw il-post u tkellmu mal-impjegati. Huwa informa bil-hold-up lill-Magistrat tal-ghassa li hatret diversi esperti; dawn waslu ftit wara meta huwa kien ghadu fuq il-post; qal li baqa' fuq il-post sa meta telqu l-esperti.

Skond l-istqarrija tal-istess Spettur, Dr Martin Bajada, wiehed mill-esperti, fil-presenza tieghu sema' lill-impjegati u flimkien ma' rappresentant tas-sid,

ezaminaw il-filmati tac- CCTVs. Peress li ma setghux jaraw il-filmati ta' xi CCTVs ohra fiz-zona, ftehmu li jergghu jiltaqghu biex imorru fl-indirizzi l-ohra halli jezaminaw il-filmati taghhom, izda l-ghada kien baghad Kuntistabbli halli javzahom biex ma jmissu xejn mill-apparat.

Fil-fatt Dr Bajada u Taliana iltaqghu fis- 7 ta' Awissu u marru fid- Da Vinci Hospital u raw il-cameras izda min dawn ma hadu xejn utili ghall-indagini; imbghad marru f'St Anne's Clinic u l-espert Dr Bajada kien qed jikkopja xi partijiet mill-filmati ghal fuq il-laptop tieghu; l-Ispettur Taliana kien qieghed ma' gembu, meta dahlitlu telefonata min ghand is-Suprintendent tad-distrett Antonello Grech li jidher li kien jaf bil-hold-up u l-investigazzjoni li kienet infethet. Dan qal lil Ispettur Taliana biex jieqaf milli jkompli bix-xoghol tieghu flimkien mal-espert: "*we can stop from what we were doing as the CID officers has arraigned a person in connection with the hold-up. Hence the undersigned (*Insp Taliana) *informed Dr Bajada LL.D. and he said that at that moment he had to stop what he was doing as a procedure of the Inquiry*". Fix-xhieda tieghu quddiem il-Board, Taliana stqarr li "*hu tela' quddiem Antonello Grech li kien qed jaqra' on line; qralu dak li kien qed jaqra, u tkellmu ukoll dwar Borg u iddiskutew ukoll l-istatura tal-halliel li kien gie spjegat bhala qasir*".

Jigi notat li fis 7 ta' Awissu, Darryl Luke Borg gie, kif fuq spjegat, presentat il-Qorti u mizmum taht arrest.

Fl-istqarrija tieghu Taliana kiteb: "*On the 8th of August 2013 at around 19.00 Hrs the undersigned received descreet information from a liable informer that the person arraigned by the Police was not the one involved in the hold-up but the one that actually committed the armed robbery was Roderick Grech known as ic-China iz-Zghir*".

Dwar din l-informazzjoni, waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Board l-Ispettur Taliana xhed li: "*kelli tip-off – cempilli informer li qalli li ried ikellimni urgenti – qalli li ried ikellimni fuq il-hold-up. Iltqajt mieghu dak il-hin, wara is- 7.00 pm u qalli li il-hold-up kien ghamlu China iz-zghir; lil dan ma kontx nafu – tani ismu u baqa' jinsisti li kien cert mija fil-mija. Mort l-Ghassa u fittixt fuq Roderick Grech f'B'Kara, u telghuli tnejn min-nies; ipprintjajthom u ergajt mort niltaqa' mal-informer izda huwa qalli li il-halliel ma kienx wiehed minnhom. Tani versjoni ohra ta' kif seta jinkiteb l-isem u mill-gdid mort fuq il- PIRS, u bl-isem gdid telghu figuri ohra. Allura jien cempilt lill-*

*informer u talbtu jigi l-Ghassa; meta urejtu ir-ritratti, mill-ewwel identifika lic-China".*

Il-Board ma jistax jifhem kif l-Ispettur Taliana, li kien jaf bil-hold-up u bl-investigazzjonijiet relativi li fihom huwa stess kellu parti attiva u sahansitra kien hu stess li talab lil Magistrat jiftah l-inkjesta originali u kien jaf bil-proceduri li kienu ittiehdu, u li kien inghata struzzjonijiet specifici biex jieqaf milli jkompli jinvestiga peress li kien gie imharrek Borg, ma hassx li kellu jinforma lil xi ufficjal iehor involut fl-investigazzjoni li fiha huwa kien gia' involut, halli ic-China jigi interrogat, bl-ghan li tigi regolarizzata il-posizzjoni tal-akkuzat l-iehor li kien ukoll il-habs. Ghalkemm huwa veru li id-dover ta' kull ufficjal tal-Pulizija huwa li jfittex u jindaga dwar kull nuqqas, gia' la darba Taliana kien jaf b'inkjesta li kienet infethet propju fuq l-istess reat u kienu ittiehdu passi il-Qorti u kien hemm persuna mizmuma taht arrest, mhux facli tifhem kif huwa seta' jinsa dawn il-proceduri u jsegwi it-tip-off ghar-rasu . Seta' iddecieda li l-ewwel investiga biex jezamina l-attendibilta' tal-informazzjoni li kien inghata, imma zgur mhux jibqa' ghaddej qisu ma kienx hemm l-inkjesta magisterjali li kien talab huwa stess.

Irrezulta li mhux talli injora il-proceduri korrenti imma iddecieda li jipprocedi wahdu u dan sal moment li ressaq lil Grech quddiem il-Magistrat, minghajr ma jinforma jew jitkellem ma' hadd.

Dan kollu jirrezulta mill-istqarrija u mix-xhieda tal- istess Spettur Taliana li qal li, hekk kif inghata l-informazzjoni dwar ic-China, min flok ikkomunika mas-Suprintendent jew ma xi ufficjal iehor: *"dak il-hin stess cempilt lill-Magistrat tal-Ghassa, ghal xi 7.45 pm, ftehemt hin, qalli xi nofs siegha wara, iltqajt mieghu u iffirmali il-warrant".* Kompla jghid: *"mort l-Ghassa B'Kara, u tajt kopja tal-warrant lil PS 1157 u tajtu l-ordni biex jarrestah; ma sabuhx u imbghad rega' dahal PS 3 Grima, li rega mar ifittxu u arrestah".*

L-Ispettur Taliana ma interrogahx hu, izda talab lil Grima jghati lil Grech il-*warning* u jistaqsih jekk riedx ikellem Avukat; Grech talab ghall-Avukat Vassallo li pero' kien imsiefer u sar ftehim biex icemplulu il-Grecja l-ghada filghodu fid- 9.00 am. Taliana, anqas f'dan l-intervall ma cempel lil hadd. Wara din it-telefonata mid-Depot marru l-Ghassa. Skond Taliana ghall-ewwel Grech beda jichad, imma deher imbezza' u ghal xi l-hdax huwa

ammetta u ghamel statement; qal li kien lest li jgib il-balaclava u anki il-pistola.

Anqas f'dan il-mument krucjali meta kien hemm ukoll ammissjoni, Taliana ma informa bl-arrest u bl-ammissjoni lill-ebda ufficjal tal-Korp; kien jaf li f'dak l-istess hin, kien hemm zewg individwi taht arrest, akkuzati bl-istess reat. Huwa stqarr li: *"kif kelli il-balaclava f'idejja, cempilt lill-Magistrat Claire Stafrace. Ghedtilha li kelli ammissjoni ta' hold-up, u qaltli biex inressqu. Bqajt sejjer bih il-Qorti".*

Jirrezulta mix-xhieda ta' Taliana li huwa ma kienx jaf sew kif kellu jghamel l-att ta' akkuza fil-kaz ta' hold-up; xhed li cempel lis- Suprintendent Magri (ghax qal li is-Supt Antonello Grech ma kienx hemm) u talbu *"kif kelli inressaq lill-wiehed fuq hold-up";* Taljana ikkonferma li lis-Supt Magri ma semmielu xejn dwar ic-cirkostanzi tal-kaz.

Stqarrija skoncertanti ghamilha Taliana meta qal li qabel bdiet il-kawza kellem lill-Magistrat u *"spjegajtilha qabel li kien hemm persuna ohra li kienet gia' tressqet mic-CID fuq l-istess hold-up. Ma kontx naf quddiem min tressaq. Qaltli biex indahhlu u hu ammetta".*

Fatt iehor pjuttost kurjuz li irrezulta ukoll mix-xhieda li Taliana ta quddiem il-Board u li twaddab ukoll dawl dwar l-atteggiament tal-istess Spettur kien jikkoncerna x'setghet kienet ir-raguni li wasslet lil Taliana jaqbad u jcempel lis- Supt. Magri hekk kif lesta mil-kaz. L-Ispettur Taliana qal li: *"Kif hrigt mill-Awla cempilt lil Magri u ghedtlu kollox. Lil Magri ma kontx ghedtlu qabel, meta tlabtu itini abbozz, dwar dak li kien qed isir".* Fuq domanda tal-Board, l-Ispettur Taliana wiegeb: *"nghid li min mindu inghatajt it-tip-off, sal- hin meta ressaqtu il-Qorti, ma tkellimt xejn ma' ebda Ufficjal tal-Korp. Jiena ma infurmajt lill-ebda ufficjal tal-Korp, ghax skond il-ligi ghandi navza lil Magistrat tal-ghassa – dan skond dak li jghid l-Artikolu 137 – l-unika section li tghid li il-Magistrat ghandu jiehu action biex jillibera lill-iehor. Rajt li hi ma ghamlet xejn – hi telqet".* L-interpretazzjoni li Taliana sahaq fuqha dwar l-Artikolu 137 tal-Kodici Kriminali, tidher kurjuza jekk mhux ghal kollox skorretta.

Huwa difficli tifhem u tispjega ir-raguni li ghaliha Taliana idecieda li lis-Suprintendent Magri icempillu hekk kif hareg mill-Qorti, u ma cempillux qabel.

Dwar l-allegazzjoni li huwa tkellem mal-Magistrat qabel bidet il-kawza, il-Board staqsa lil Taliana jekk fl-atti tal-kawza giex verbalizzat xi haga f'dan is-sens, peress li bhala bniedem midhla tal-Qorti kien jaf li *"quod non est in actis non est in mundo"*; huwa wiegeb li ma sar ebda verbal.

L-Ispettur Taliana barra li qal li tkellem mal-Magistrat qabel il-kawza, huwa qal ukoll li wara il-kawza, *"cempilt lill-Magistrat Dr Doreen Clarke u ghedtilha li fuq il-hold-up kont harrikt iehor u kien wehel"*; qal li: *"din qaltli li ha tara"*. Anqas ir-raguni ghal din l-allegata telefonata ma tidher spjegata.

L-Ispettur Taliana in sostenn tal-imgieba tieghu irrefera ukoll ghall-artikoli 346 u 356 biex juri kif huwa kien obbligat li jressaq lill-akkuzat : *"mill-aktar fis li nista' – kelli responsabilta' ta' zewg persuni"*.

Biex jispjega u jiggustifika l-imgieba tieghu Taliana ikkwota ukoll l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Meta gie mistoqsi jghid ghaliex huwa ma informa lill-ebda ufficjal iehor dwar dak li kien ghamel, l-Ispettur Taliana insista li: *"jien ma infurmajt lill-ebda ufficjal tal-Korp ghaliex skond il-ligi ghandi navza lill-Magistrat tal-Ghassa – dan hu l-Artikolu 137 – l-unika section li tghid li il-Magistrat ghandha tiehu action biex tillibera lill-iehor"*

Fid-dawl tan-natura gravi tal-implikazzjonijiet wara stqarrija simili, il-Board gibed l-attenzjoni tal-Ispettur Taliana li il-konsegwenzi ta' dak li kien qed jallega dwar komunikazzjonijiet tieghu ma' Magistrati jista' jfisser passi serji li skond l-istess artikolu minnu citat jistghu iwasslu ghal piena karcerarja; huwa insista li kien hass li la kellem lil Magistrat ir-responsabilta' tieghu kienet spiccat – biex jispjega dik l-imgieba huwa baqa' jikkwota l-Artikolu 137.

Il-Board wera lil Taliana kopja ta' *"Message Read Report"* li inhareg fis- 7 ta' Awissu zewg minuti wara nofs inhar. Taht il-heading *"Message Recipients"* hemm imnizzel *"Sent to All Divisions"*; certament fost dawn kien hemm l-Ghassa ta' B'Kara fejn huwa kien stazzjonat. Gie mistoqsi jekk huwa kienx qara dan il-messagg, u wiegeb li qatt ma rah, izda zied jghid li ma kellux ghalfejn jarah ghax kien jaf bil-kontenut tieghu. Dan il-messagg jirreferi ghal-hold-up in kwistjoni u jinforma li Darryl Luke Borg

kien gie imharrek quddiem il-Magistrat Vella wara serqa min *The Convenience Shop* gewwa B'Kara, u li dan ma kienx inghata il-helsien provvisorju u li gie skortat ghall-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Board innota ukoll li hekk kif ressaq lil Grech fid- 9 ta' Awissu, l-Ispettur Taliana ukoll baghat "*Message Read Report*" fis- 14.45 fejn informa lill-kullhadd fil-Korp li huwa kien ressaq lil Roderick Grech dwar l-istess *hold-up* u dan ammetta u gie ikkundannat. Dan il-messagg flok intbghat "*Sent to all Divisions*" gie mibghut lill-indirizzi kollha tal-Korp, inkluzi il-Kappillan, it-tabib, l-Akkademja, tal-Garage, tat-Trades, tat-Traffic, l-Istatistika u bosta ohrajn – hafna minn dawn ir-*recipients* ma jidher li kellhom ebda interess fil-kontenut; messaggi bhal dawn ghandhom jintbghatu lil min jista' jkollu interess fihom, bhal ma gara fil kaz tal-messagg ta' Mercieca tas- 7 ta' Awissu, li intbghat "*Sent to all Divisions*"; ghandu jkun hemm kontroll li dawn jinqraw, ghaliex nuqqas li ufficjal isegwi id-dokumenti li jintbghatu ghall-informazzjoni ta' kull min hu interessat, jista' jkun serju u jkollu konsegwenzi gravi; veru li f'dan il-kaz, Taliana stqarr li kien jaf il-kontenut tieghu, imma il-Kumissarju ghandu jiehu passi, anki per mezz ta' firma ta' certu grad ta' ufficjali, biex kullhadd isegwi dak li jkun qed isir.

Dwar l-ewwel telefonata li l-Ispettur Taliana qal li ghamel lis Suprintendent Magri, il-Board jinnota kif huwa kien kostrett isaqsi peress li ma kienx jaf kif jifformula l-att; ufficjal tar-rank ta' Taliana ghandhom jinghataw taghlim dwar atti simili; jista' jigi preparat speci ta' formularju bl-atti li l-istess ufficjali jistghu jiltaqghu maghhom.

Il-Board jissuggerixxi li jittiehdu il-passi mehtiega biex jigi evitat kemm jista' jkun li dak li taghmel l-id il-leminija ma jkunx maghruf lil dik xellugija. Jifhem id-delikatezza tan-natura tax-xoghol investigativ tal-Korp u ghalhekk zgur mhux possibbli li ikun hemm informazzjoni miftuha dwar l-agir kollu tal-Korp. B'dana kollu, ic-cirkostanzi sfortunati fejn Darryl Luke Borg baqa' taht arrest anki wara li Roderick Grech kien ammetta u gie misjub hati, juru il-htiega li ikun hemm accesibilta' assoluta dwar individwi li jkunu imharrka u jinsabu akkuzati b' reati ta' certa gravita', u aktar u aktar dwar persuni li jkunu qed jinzammu il-habs preventivament.

Il-Board fela bir-reqqa l-atti u id-dokumenti kollha quddiemu u sema' lill-Ufficjali koncernati, oltre ix-xhieda ta' Darryl Luke Borg u ta' ommu Jane Borg, u ikkonsidra fit-tul ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ha konjizzjoni tat-talba tal- Onor Ministru tas-Sigurta' u Intern li irriferiet ghall-akkuzi kontra l-imsemmi Darryl Borg u kontra Roderick Grech u ghal konsegwenzi fuq il-persuna u il-liberta' taghha; huwa tal-opinjoni li kien hemm nuqqas serju fil-proceduri li ittiehdu mill-Korp tal-Pulizija meta ressqu separatament zewg individwi u it-tnejn jigu akkuzati ghall-istess reat, u kien nuqqas serju kif persuna tinzamm il-habs akkuzata b'delitt, meta kien hemm zmien li fih il-Pulizija kienet taf ben tajjeb li din il-persuna ma kienitx hatja, bla ma hadet il-passi kollha mehtiega biex tigi mehlusa.

Il-Board huwa tal-fehma li dawn in-nuqqasijiet kienu dovuti ghan-nuqqas tal-Ispettur Taliana li ghazel li min flok jikkopera ma' ufficjali ohra tal-Korp li huwa kien jaf li kienu investigaw, u kienu gia' ressqu persuna ohra arrestata quddiem il-Qorti dwar l-istess reat, jibqa' ghaddej wahdu, u b'certa ghagla, bla ma ikkomunika bl-ebda mod ma' kollegi u superjuri li kienu gia' kellmuh fuq il-kaz, u min-naha tieghu iressaq persuna ohra taht arrest u jakkuzaha bl-istess delitt; kien jaf ben tajjeb li l-ewwel persuna kienet tinsab taht arrest, kif deher fil-Message Read Report tas- 7 ta' Awissu 2013, liema messagg Taliana ikkonferma li, ghalkemm ma qrahx, kien jaf sew il-kontenut tieghu. Il-Board huwa tal-fehma li oltre li jittiehdu il-passi suggeriti biex, kemm jista' jkun, jigu evitati ripetizzjonijiet ta' zbalji simili, il-Kumissarju tal-Pulizija ghandu jiehu il-passi dixxiplinarji kontra l-imsemmi Spettur Elton Taliana ghan-nuqqas serju tieghu.

Chairman

Segetarju

Illum, 26 ta' Awissu 2013